15 ta' Dicembru, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Teresa Mifsud et. *versus* Paolo Azzopardi

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kambjament ta' Destinazzjoni — Ħanut.**

*Jekk il-kerrej jottjeni l-permess tal-Pulizija biex fid-dar lilu mikrija għall-abitazzjoni jeżercita xi sengħa jew jiftaħ ħanut, imma ma jagħmelx użu minn dak il-permess, ma jistax jingħad li huwa biddel id-destinazzjoni tal-fond li tiġġustifika t-talba tas-sid li jieħu lura taħt idejh dak il-fond.*

*Avvolja l-intenzjoni tal-kerrej kienet dik li jagħmel dak l-użu divers mill-fond, il-fatt biss ta' l-otteniment ta' l-imsemmi permess ma jfissierx li hemm il-kambjament tad-destinazzjoni sakemm ma jsirx l-użu effettiv ta' dak il-permess.*

Il-Qorti — Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board tal-Kera biex jieħdu taħt idejhom il-fond nru. 51, Sacred Heart Promenade, Birżebbuġa, għaliex l-intimat għamel użu divers mill-fond;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board tal-Kera fl-10 ta' Settembru 1947, fejn astjena milli jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni preliminari u ċaħad it-talba, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ ordna illi l-ispejjeż jitħallsu terz mill-intimat u żewġ terzi mir-rikorrenti; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta illi l-intimat f'Ottubru 1946 applika u ottjena l-permess tal-Pulizija ħalli jaħdem ta' mastrudaxxa fil-fond in kwistjoni; però ebda prova ma saret illi huwa qatt għamel użu minn dan il-permess; anzi fix-xhieda tiegħu ċaħad illi huwa qatt ħadem ta' mastrudaxxa fid-dar u x-xogħol jagħmlu post ieħor ġo Birżebbuġa;

Illi veru huwa li preżentement ma hux qiegħed jagħmel użu mid-dar għall-abitazzjoni, billi skond ma qal id-dar hija umida u s-sidien kellhom jirriparawhielu;

Illi skond l-art. 10 (a) ta' l-Ord. XXI ta' l-1931 is-sid ikun

jista' jitlob u jottjeni l-pussess tal-fond minnu mikri jekk il-kerrej ikun uża l-fond xort'oħra milli għall-iskop li l-fond ikun ġie lilu mogħti b'kiri. Il-liġi għalhekk trid illi l-kerrej ikun effettivament għamel użu divers minn dak li għalih ikun ġie lilu mikri, u mhux biżżejjed illi miċ-ċirkustanzi jkun jidher illi jkollu intenzjoni jbiddel id-destinazzjoni tal-fond; u sakemm dina l-intenzjoni ma tiġix attwata bl-użu divers, is-sidien ma jistgħux jinvokaw favur tagħhom id-dispost tal-liġi fuq imsemmi;

Rat ir-rikors ta' Teresa Mifsud u oħrajn, fejn talbu r-riforma ta' dik is-sentenza billi tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-atturi u kkundannat lilhom iħallsu żewġ terzi mill-ispejjeż, u konfermata għall-kumplament, billi t-talba tagħhom tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Illi kif sewwa rritjena l-Board tal-Kera, is-sempliċi fatt li l-appellat ġieb il-permess biex il-fond in kwistjoni jsir ħanut mhux biżżejjed għall-kambjament tad-destinazzjoni, la darba effettivament dak il-kambjament ma kien sar qatt u l-ħanut qatt ma ġie miftuħ u attivat. Huwa veru illi l-appellat seta' kellu dik l-intenzjoni; iżda dawn il-Qrati ma jistgħux jiġġudikaw fuq l-intenzjoni, iżda fuq l-attijiet li jkunu saru in forza ta' dik l-intenzjoni;

Tikkunsidra;

Illi lanqas ma ġie serjament pruvat illi l-post sar store billi fid-dar l-appellat iżomm il-fregatina;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tas-sentenza li minnha hemm appell;

Tirrespinġi l-appell tar-rikorrenti u għalhekk tikkonferma s-sentenza fuq imsemmija, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellanti.